**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**
**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Rikors Nru: 200/17RM**

**Daniel Debattista (I.D. 531784M) ezercenti l-kummerc bhala D-Project Finishers**

**-Vs-**

**Comfur (Malta) Ltd. (C61818)**

**Illum, 26 ta' April 2021**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ipprezentat minn Daniel Debattista ezercitanti l-kummerc bhala D-Project Finishers fid-19 ta' Lulju, 2017, fejn talab lil din il-Qorti tikkundanna lis-socjeta` konvenuta, Comfur (Malta) Limited thallsu s-somma ta' erbatax-il elf, disa' mija u tlieta u ghoxrin Ewro u zewg centezmi (€14,923.02) skont stqarrija ta' bejgh annessa 'Dok. DD1' rapprezentanti ammont pendenti dovut lilu ghal xoghlijiet u materjal li ghamel fuq inkarigu tas-socjeta' konvenuta.

Bl-ispejjez inkluz l-imghaxijiet legali sad-data tal-effettiv pagament.

Rat ir-Risposta[1] tas-socjeta` konvenuta Comfur (Malta) Ltd, ipprezentata fis-7 ta' Novembru 2017, fejn eccepiet is-segwenti:

*"It-talbiet tal-attur Daniel Debattista huma legalment inammissibbli u nfondati fil-fatt u fid-dritt u bhala tali ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-istess ghar-ragunijiet segwenti:*

1. *Fl-ewwel lok, l-appalt moghti lill-attur ma giex ezegwit skont is-sengha u l-arti. B'konsegwenza ta' dan l-eccipjenti kellha tinkorri diversi spejjez sabiex tirrettifika n-nuqqasijiet tal-attur.*
2. *Fit-tieni lok, b'zieda mal-premess, l-attur iffattura ammonti ezorbitanti u certament mhux mifthiema mill-kontendenti.*
3. *Fit-tielet lok, detratti mill-ammont mitlub l-ispejjez imsemmija fl-ewwel eccezzjoni u l-ammonti ffatturati skont it-tieni eccezzjoni, l-attur thallas a saldu fid-9 ta' Gunju 2017.*
4. *Fir-raba' lok, minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont reklamat allura ma huwiex dovut u l-kumpannija konvenuta ma ghandha thallas xejn iktar lill-attur; it-talbiet tal-attur ghalhekk jibqghu infondanti fil-fatt u fid-dritt.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.*

*Bl-ispejjez kontra l-attur Daniel Debattista, inkluzi dawk kollha konnessi mal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju li jgib ir-riferenza 1299/2017, illi huwa ngunt ghas-subizzjoni. »*

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda li nstemghu quddiem il-Qorti diversament preseduta, kif ukoll rat il-provi kollha migjuba mill-partijiet;

Semghet ix-xhieda u rat id-dokumenti kollha esebiti;

[1] Fol. 11.

Semghet it-trattazzjoni orali tal-abbli difensuri tal-partijiet fis-seduta tal-24 ta' Frar, 2021;

Rat l-atti kollha;

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

It-talba tal-attur f'din il-kawza hija ghall-hlas ta' somma rapprezentanti bilanc allegatament dovut lilu fuq kuntratt ta' appalt konsistenti f'diversi xogholijiet u fornitura ta' materjal fil-fond tas-socjeta` konvenuta gewwa Haz Zebbug.

In sostanza, id-difiza tas-socjeta` konvenuta hija illi l-hlas mhux dovut ghaliex kien hemm xoghol li sar hazin u mhux skont is-sengha u l-arti tant illi kellu jsir xoghol rimedjali kif ukoll ghaliex il-prezzijiet mitluba mill-attur ghall-fornitura ta' xi materjal, kienu ezorbitanti.

Illi mill-fatti li johorgu mill-provi u l-atti tal-kawza, jirrizulta illi s-socjeta` konvenuta kienet ingaggat lill-attur bhala *turnkey contractor* bl-inkarigu li jiehu hsieb il-progett ta' dizinn u xoghol ta' *finishing* tal-fond gewwa San Gwann li kien ser iservi bhala stabbiliment ghall-bejgh tal-prodotti taghha. Inkluz f'dan l-appalt kien il-fornitura u istallazzjoni ta' diversi xogholijiet u materjal fosthom xoghol ta' gypsum fil-hitan u saqaf, istallazzjoni tal-bieb ta' barra, *parquet* fl-art tal-fond u *decking* fuq it-tarag estern, skont kif jirrizulta mill-fattura Dok. DB2[2]. L-appalt gie mwettaq fuq perijodu ta' xaharejn u ghalkemm saru diversi hlasijiet akkont da parti tas-socjeta` konvenuta skont kif jidher mill-istatement Dok. DB1, l-ammont bilancjali li baqa' mhux imhallas huwa fis-somma ta' €14,923.02, liema hlas huwa mitlub mill-attur fir-Rikors promotur.

---

[2] Fol. 21.

Da parti taghha, is-socjeta` konvenuta ssostni li filwaqt li parti mix-xoghol ezegwit mill-attur sar tajjeb, kien hemm xogholijiet li saru hazin fosthom ix-xoghol ta' twahhil ta' *vinyl planks* fis-suffitt tas-saqaf u l-hitan tal-kamra li kienet intiza biex tintuza bhala ufficju, xoghol ta' istallazzjoni ta' *decking* fit-tarag estern, kif ukoll xoghol ta' *silicato* fuq il-hitan esterni tal-parapett. Hi tirrifjuta li thallas ghax-xoghol difettuz ezegwit mill-attur anke ghaliex kellha thallas lil terzi persuni sabiex iwettqu x-xogholijiet rimedjali, liema xogholijiet swew b'kollox €6,046.50. B'zieda ma' dan, is-socjeta` konvenuta tikkontendi li l-attur talab il-hlas ta' prezzijiet ezorbitanti ghall-fornitura tal-bieb ta' barra u materjal konsistenti f'*parquet flooring* u *decking* tat-tarag.

Il-Qorti sejra taghmel is-segwenti osservazzjonijiet ta' fatt dwar ix-xoghol allegatament difettuz imwettaq mill-attur, kif ukoll dwar il-prezz mitlub ghall-fornitura ta' materjal ghall-fond.

**<u>Xogholijiet Difettuzi</u>**

L-attur qed jitob il-hlas tal-fornitura tal-materjal u xoghol marbut mal-istallazzjoni ta' gypsum boards u *vinyl planks* li twahhlu fuq l-istess *gypsum boards* gewwa l-kamra li kienet intiza biex isservi ta' ufficcju fil-fond tas-socjeta` konvenuta[3]. Is-socjeta` konvenuta ssostni li l-*planks* individwali bdew jinqalghu sija minn mas-suffitt[4] u wkoll mill-hitan vertikali kwazi minnufih wara t-twahhil, tant illi whud minnhom regghu twahhlu mill-attur innifsu. Tikkontendi wkoll li dawn il-*vinyl planks* ma twahhlux kif suppost u skont ir-rakkomandazzjonijiet tal-manifatturier.

L-attur jaccetta illi dawn il-planki bdew jinqalghu ftit gimghat wara li gew istallati u li whud minnhom inqalghu proprju matul l-ezekuzzjoni tax-xoghol innifsu, izda jinsisti li dawn il-planki twahhlu tajjeb u skont kif titlob is-sengha u jichad li huwa accetta li jaghmel dan ix-xoghol fuq is-saqaf u l-hitan tal-kamra, kontra l-konvinzjonijiet tieghu stess.

---

[3] Ara *item* Wall F.
[4] Ara ritratt Dok. KB2, fol. 62.

Madanakollu, il-Perit Simon Bonnici Mallia li gie inkarigat mis-socjeta` konvenuta biex jispezzjona x-xogholijiet li gew ezegwiti mill-attur fil-fond in kwistjoni, afferma fir-rapport tieghu[5] illi l-metodu ta' istallazzjoni ta' dan il-*vinyl cladding* ma kienx sar skont il-linji gwida tal-manifatturier fejn dan huwa rakkomandat li jitwahhal mal-art u mhux mal-hitan vertikali jew mas-saqaf. Huwa kkostata wkoll li l-kolla li ntuzat mill-attur ghat-twahhil tal-planki ma kienx idoneu, filwaqt illi esprima wkoll il-fehma teknika illi l-metodu li uza l-attur biex iwahhal il-planki, fejn dawn twahhlu mal-*gyspum* wara li dan gie miksi u mizbugh, fil-fehma tieghu naqqas mill-effikacja tat-twahhil.

Id-diretturi tas-socjeta` konvenuta xehdu wkoll illi meta l-*vinyl planks* nqalghu minn mal-hitan, dawn ghamlu hsara wkoll lill-*gypsum boards* li fuqhom kienu mwahhlin tant illi kellhom jinbidlu mhux biss il-*vinyl planks* kollha tal-hitan u tas-saqaf, izda kellu jsir ukoll xoghol ta' tiswija tal-*gypsum boards* li garrbu l-hsara. Jirrizulta mill-provi illi effettivament, is-socjeta` konvenuta inkarigat lil terzi persuni biex inehhu l-planki, jirrimedjaw il-hsara fil-*gypsum* kif ukoll jistallaw *vinyl planks* godda fis-saqaf u l-hitan tal-kamra in kwistjoni, liema xogholijiet b'kollox swew €1,420 eskluz VAT[6].

**<u>Tarag Estern</u>**

Mhux kontestat illi s-socjeta` konvenuta tat struzzjonijiet lill-attur biex bhala parti mill-appalt, jissupplixxi u jistalla fit-tarag tal-konkrit fl-entratura tal-fond, *composite material*[7] imsejjah *decking*. Il-perit inkarigat *ex parte* mis-socjeta` konvenuta[8] kkostata li d-*decking* twahhal direttament fuq il-forma tat-tarag tal-konkrit, minghajr ma tqieghed sottoswol idoneu bejn l-istruttura tal-konkrit u l-materjal. L-istess perit esprima wkoll il-fehma illi l-materjal uzat ghat-twahhil tad-*decking* mat-tarag kif ukoll il-metodu ta' istallazzjoni, ma kienux idonei biex jipproducu rizultat siewi.

[5] Dok. CB1.
[6] Ara xhieda Clayton Borg 9 ta' Mejju 2019 u invoice Dok. CB5 mahrug minn Easy Fix (fol. 121).
[7] Ara rapport tal-Perit Simon Bonnici, Dok. CB1, fol. 88.
[8] Perit Simon Bonnici Mallia, rapport Dok. CB1.

Effettivament, Clayton Borg xehed[9] illi l-materjal inqala' kollu kwazi minnufih li kien tpogga fuq it-tarag.

Skont l-attur, is-socjeta` konvenuta riedet li x-xoghol tad-*decking* fit-tarag jitlesta qabel il-ftuh tal-hanut li kien skedat ghal jumejn wara u kien proprju biex ikun jista' jlahhaq ma' dan id-*deadline* li huwa accetta li jwahhal id-*decking* bil-kolla.

Is-socjeta` konvenuta ssostni li minhabba dawn id-difetti fit-tqeghid tad-*decking* tat-tarag, hija ma kellhiex alternattiva hlief li tnehhi l-materjal kollu tad-*decking* mit-tarag estern u tissostitwih b'madum, skont kif del resto jirrizulta mill-fattura Dok. CB5[10]. Kif anke gie affermat mill-Perit inkarigat *ex parte* fix-xhieda tieghu quddiem il-Qorti[11], dan ix-xoghol rimedjali kellu jsir b'urgenza minhabba l-materjal li kien qed jinqala' mit-tarag, kien ta' perikolu ghall-persuni dehlin u hergin mill-istabbiliment. Mill-provi jirrizulta wkoll illi s-socjeta` konvenuta effettivament hallset il-prezz globali ta' €2,483[12] ghax-xoghol ta' tnehhija tad-*decking* u xiri u tqeghid ta' madum gdid minfloku[13].

***Silicato* fil-hitan esterni tat-tarag**

Is-socjeta` konvenuta tilmenta illi x-xoghol tas-*silicato* li sar fuq l-estern tal-hitan tat-tarag li jaghti ghal gol-fond taghha, sar hazin ghaliex kien gie applikat biss passata wahda tal-kisi bil-konsegwenza li dan tfarrak u inqala'.

L-attur jispjega illi s-*silicato*, li jitpogga mal-hajt bi flawt, ma jsirx f'passati kif allegat izda jsir billi qabel xejn jinghata *isolating compound* fuq il-hajt u sussegwentement, f'dan il-kaz, inghataw zewg passati zebgha. Jichad li dan is-*silicato* tfarrak ghalkemm **jaccetta li saret xi hsara meta s-*silicato* ntlaqat waqt li kien qed jiddahhal ix-xoghol tal-*parquet* u *decking* gewwa l-fond**.

---

[9] Xhieda tad-9 ta' Mejju 2019.
[10] Fol. 121.
[11] Xhieda tas-16 ta' Jannar 2020.
[12] Fattura Dok. CB5, eskluz VAT.
[13] Ara *cheque* mahrug mis-socjeta` konvenuta lil Jamie Farrugia, debitament imsarraf, fol. 122.

Il-Qorti tosserva li mir-ritratti annessi mar-rapport tal-Perit Simon Bonnici Mallia (Dok. CB1), liema ritratti ttiehdu waqt spezzjoni li huwa ghamel fl-istabbiliment tas-socjeta` konvenuta fis-16 ta' Awwissu 2017, huwa evidenti li xi partijiet mill-wicc tas-*silicato* fuq wiehed mill-gnub tal-hitan, inqalghu. Ghalkemm ma jirrizultax mill-imsemmi rapport tekniku jekk dan is-*silicato* effettivament tfarrakx minhabba n-nuqqasijiet li gew riskontrati fil-process ta' tqeghid tas-*silicato* jew minhabba d-daqqiet li semma l-attur fix-xhieda tieghu, il-Perit *ex parte* esprima l-fehma illi peress li saret biss passata wahda, is-*silicato* jkun fragili u iktar suxxettibbli ghal deterjorazzjoni. Ikkostata wkoll fir-rapport guramentat tieghu, illi ma sarx xoghol ta' *sealing* idoneu fl-ucuh tal-hitan u barra minn hekk, il-*wiring* tad-dawl fit-tarag ma giex istallat f'*casing* impermeabbli kif mehtieg.

Mill-provi jirrizulta illi s-socjeta` konvenuta inkarigat lil terzi sabiex jerga' jsir mill-gdid ix-xoghol ta' *silicato* fil-hitan esterni tal-gnub tat-tarag, kif ukoll xoghol ta' *sealing* b'materjal impermeabbli, ghall-prezz totali ta' €1,050[14].

**<u>Difetti Ohrajn</u>**

Id-direttur tas-socjeta` konvenuta Ryan Borg xehed ukoll illi x-xoghol li gie ezegwit mill-attur fil-kamra tal-banju tal-fond ma tlestiex billi t-toilet baqa' mhux imwahhal u l-wiring fuq is-suffitt fl-istess kamra kien thalla mdendel minflok gie maqful gewwa *casing*, b'mod li kien ta' perikolu.

Fir-rapport tieghu, il-Perit Simon Bonnici Mallia kkostata wkoll illi sar zball ta' kalkolu da parti tal-attur fl-istallazzjoni tal-bieb ta' barra u fil-hxuna tal-pedament tal-art tal-fond, liema zball sarraf f'dizlivell bejn il-*finished floor level* tal-istess fond u d-*decking* tat-tarag. Billi dan id-dizlivell ma setax jigi korregut permezz tal-istallazzjoni ta' profil tal-i*stainless steel*, ix-xhud afferma li dan seta' jwassal biex jikkaguna hsara fil-*parquet flooring* tal-fond f'kaz ta' dhul tal-ilma minn taht il-bieb ta' barra tal-fond.

---

[14] Dok. CB5, fol. 121. Eskluz VAT.

Ikkunsidrat;

Illi ghandu jigi osservat illi l-attur ma cahadx il-verzjoni tas-socjeta` konveunta dwar id-difetti riskontrati fix-xoghol minnu ezegwit u ma jikkontestax illi effettivament, il-*vinyl planks* inqalghu minn mas-saqaf u l-hitan prattikament mill-ewwel u lanqas illi d-*decking* ukoll inqala' minn mat-tarag tal-fond in kwistjoni. Dwar ix-xoghol tas-*silicato,* kif inghad, filwaqt li l-attur jirrikonoxxi li saret xi hsara lis-*silicato* meta kien qed jiddahhal xi materjal gol-fond waqt l-ezekuzzjoni tal-appalt u insista illi nghataw tliet passati b'kollox, huwa mkien ma cahad illi s-*silicato* kien fragili u passibbli ghal deterjorazzjoni skont kif del resto gie certifikat mill-Perit imqabbad *ex parte* mis-socjeta` konvenuta.

Effettivament, jigi osservat illi l-attur ma ghamel l-ebda tentattiv sabiex jikkuntrasta l-fehmiet teknici u konkluzjonijiet raggunti mill-imsemmi Perit u minkejja li gie rinfaccjat bl-eccezzjoni tas-socjeta` konventa li l-appalt ma giex imwettaq skont is-sengha u l-arti, baqa' ma ressaq l-ebda prova teknika biex jissostanzja l-pretensjoni tieghu ghall-hlas u biex jirribatti l-allegazzjonijiet tas-socjeta` konvenuta. L-attur baqa' wkoll ma kkontestax l-ilmenti tas-socjeta` konvenuta dwar in-nuqqasijiet u xoghol difettuz fil-kamra tal-banju u fil-*finished floor level* li sarraf f'dizlivell li kellu bzonn jigi rimedjat, u ma cahadx lanqas li dawn ix-xogholijiet kellhom jitwettqu bhala parti mill-appalt moghti lilu mis-socjeta` konvenuta.

Fin-nuqqas ta' talba ta' xi wahda mill-partijiet ghall-hatra ta' espert tekniku gudizzjarju, l-unika prova teknika li ghandha quddiemha l-Qorti hija x-xhieda tal-Perit Simon Bonnici Mallia[15], inkarigat ex parte mis-socjeta` konvenuta, flimkien mar-rapport guramentat tieghu[16], liema xhieda tikkonforta u tkompli taghti sostenn lill-verzjoni tas-socjeta` konvenuta. Fic-cirkostanzi, il-Qorti hija sodisfatta bil-prova li saret permezz ta' dan ix-xhud tekniku u tqis illi l-verzjoni tas-socjeta` konvenuta dwar id-difetti li gew riskontrati f'certi aspetti tal-appalt ezegwit mill-attur, kif jirrizultaw

[15] Affidavit mahluf u pprezentat fis-27 ta' Novembru 2018, fol. 87 *et seq*. u xhieda in kontro-ezami tas-16 ta' Jannar 2020.
[16] "A", fol. 88 *et seq*. : l-istess bhal Dok. CB1.

mill-provi u li gew elenkati iktar qabel, hija ppruvata fil-grad li tehtieg il-ligi. Ghaldaqstant, sejra taghti affidament pjen lill-verzjoni tas-socjeta` konvenuta li x-xogholijiet hawn fuq elenkati kienu jifformaw parti mill-appalt moghti lill-attur izda ma sarux skont is-sengha u l-arti.

B'hekk qieghda tilqa' l-ewwel eccezzjoni minnha sollevat fir-Risposta taghha.

Ikkunsidrat;

In materja ta' appalt, il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tad-9 ta' Novembru 2012 irriteniet hekk in propositu:-

"*Min iwettaq bicca xoghol li ghaliha jkun gie inkarigat ghandu obbligu jaghti rizultat tajjeb u ta' vantagg ghall-klijent, u jekk jonqos li jaghti dan ir-rizultat, huwa jkun responsabbli ghad-danni, u la jista' jwahhal fl-ghodda, la fil-materjal li juza', la fl-intromessjoni tal-klijent u lanqas fl-istat jew il-kundizzjoni tax-xoghol preparatorju li fuqu jkun irid iwettaq ix-xoghol tieghu. L-appaltatur ghandu obbligu li jwettaq xoghol li jaghti rizultat konformi mal-htigijiet tal-klijent, u ghandu jirrifjuta jwettaq xoghol li jaf jew li messu kien jaf, mhux se jaghti rizultat utili.*"[17]

Fis-sentenza fl-ismijiet **Pierre Darmanin v. Moira Agius**, deciza fis-6 ta' Ottubru 2004, intqal hekk in propositu tar-responsabbilita` tal-appaltatur li jaghmel tajjeb ghad-danni kollha li jigu minn dak ix-xoghol imwettaq hazin jew li jistghu 'l quddiem jipprezentaw ruhhom:-

*"Bhala l-ewwel principju huwa dottrinalment u gurisprudenzjalment ricevut illi l-appaltatur ghandu l-obbligu li jezegwixxi x-xoghol lilu kommess fis-sens li huwa ghandu l-obbligu wkoll li jara li dan ix-xoghol ikun sejjer isir utilment u mhux b'mod li l-quddiem juri difetti. "L'imprenditore ha l'obbligo di eseguire bene l'opera commessagli, secondo i dettami dell'arte sua, e deve prestare almeno una capacita`*

[17] **Coleiro Yacht Finishes Limited vs Easysell Kia (Malta) Limited**, deciza 9 ta' Novembru 2012.

*ordinaria"* (***Kollez Vol XXVII pI p373***)*. Dan fis-sens li hu "ghandu jiggarantixxi l-bonta` tax-xoghol tieghu"* (***Kollez Vol XL pI p485***)*.*

*"It-tieni principju jghid illi "l-appaltatur li jezegwixxi hazin ix-xoghol li jifforma l-oggett ta' l-appalt huwa responsabbli ghad-dannu kollu li jigi minn dik l-ezekuzzjoni hazina"* (***Kollez. Vol XXXVII pIII p883***)*. Ghax kif jinsab ritenut ukoll "f'kaz bhal dan hu ghandu mill-ewwel ma jaghmelx ix-xoghol jew ikollu jirrispondi ghad-difetti li jigu 'l quddiem"* (**Mario Blackman -vs- Carmelo Farrugia et noe***", Appell Kummercjali, 27 ta' Marzu 1972). Dan hu hekk avvolja jkun hemm l-approvazzjoni tax-xoghol* (***Kollez. Vol XLI pl p667***) *jew l-appaltatur ikun mexa skont l-ispecifications jew l-istruzzjonijiet lilu moghtija mill-kommittent."*

Fis-sentenza **Francica vs Buhagiar**, deciza fit-28 ta' April 2004, kien gie ritenut ukoll illi:-

"*... l-appaltatur ghandu jesegwixxi x-xoghol lilu kommess fis-sens li huwa ghandu l-obbligu wkoll li jara li dan ix-xoghol ikun sejjer issir utilment u mhux b'mod li 'l quddiem juri difetti. F'kaz bhal dan hu ghandu mill-ewwel ma jaghmilx ix-xoghol jew ikollu jwiegeb ghad-difetti li jigu 'l quddiem, izda galadarba huwa accetta li jahdem ix-xoghol, dejjem jibqa' obbligat u responsabbli li jaghti lill-appaltant opera sodisfacenti u* spondet peritiam artis *u hu obbligat jirrezisti kwalunkwe intromissjoni tal-komittent*"[18].

Il-principju fondamentali li jemergi mill-insenjament in materja, fuq citat, huwa illi min iwettaq bicca xoghol li ghaliha jkun gie inkarigat, ghandu obbligu jaghti rizultat tajjeb u ta' vantagg ghall-komittent cioe` rizultat li huwa konformi mal-htigijiet tal-klijent u li jiggarantixxi l-bonta` tax-xoghol tieghu, b'dan illi jekk jonqos li jaghti dan

[18] Vide wkoll **John Borg et vs Emanuel Galea et**, Appell Civili deciz 19 ta' Mejju 2009 u **Grima et v. Grech**, deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta' Ottubru 2010, fejn intqal hekk in propositu tal-obbligi ta' appaltatur:- *"…l-obbligu li jaghti xoghol tajjeb kien jimponi fuqu l-obbligu li huwa jikkontrolla sew ix-xoghol li jkun qed jaghmel, jirrileva dawk il-fatturi li kapaci 'l quddiem jikkompromettu l-opra tieghu u, okkorrendo, jaghmel ix-xoghol rettifikatorju opportun."*

ir-rizultat, **huwa mhux biss ma jkunx intitolat jesigi l-hlas izda jkun ukoll responsabbli ghad-danni**.

Fil-fehma tal-Qorti, huwa l-appaltatur li ghandu l-obbligu li, ghall-ezekuzzjoni tal-appalt, jaghzel u jassigura li juza materjal utili li huwa accettabbli skont is-sengha u l-arti u dan l-oneru, fil-fehma tal-Qorti, japplika b'mod iktar gravi proprju meta l-kommitent m'huwiex effettivament assistit b'mod tekniku professjonali. Applikat dan il-principju fil-kaz tat-twahhil tal-*vinyl planks* b'metodu li gie stabbilit li ma kienx skont is-sengha u l-arti, kif ukoll fil-kaz tad-*decking* fit-tarag tal-fond in kwistjoni - liema *decking* jirrizulta li la kien idoneu ghall-post fejn gie istallat u lanqas twahhal skont is-sengha u l-arti - ghandu jinghad illi huwa l-attur li suppost jifhem fil-prodotti li juza fis-sengha tieghu u kwindi kellu jkun jaf x'prodott kien addattat u accettabbli skont is-sengha u l-arti biex jintuza ghax-xorta ta' wicc u ambjent li kellu jservi.

Din il-konkluzjoni hija konformi mal-gurisprudenza pacifika in materja, li tirritjeni illi appaltatur li jidhol ghal bicca xoghol, irid jaghti rizultat utili u ma jistax, wara, iwahhal f'xi prattika tas-sengha li tigi kkostatata li hija hazina, irrispettivament mil-fatt illi huwa seta' dejjem mexa skont dik is-sistema.

Kif intqal fis-sentenza **Raymond Mallia noe vs Martin Mizzi noe**, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Mejju 2003, bniedem tas-sengha jew appaltatur li jrid jaqdi d-doveri tieghu skont l-arti u s-sengha, u li jaf jew messu jaf il-konsegwenzi ta' decizjoni li jigi applikat materjal mhux idoneju, huwa responsabbli ghall-ghazla tal-materjal minkejja l-istruzzjonijiet li jkunu inghataw mill-komittent[19].

[19] Dan ghaliex l-appaltatur ghandu l-obbligu li jiggarantixxi mhux biss il-bonta` tax-xoghol tieghu, izda wkoll il-bonta` tal-materjal adoperat:- « *F'kull kaz pero` dan ma jeliminax il-fatt illi min jintraprendi bicca xoghol hu obbligat u jitqies dejjem responsabbli li jaghti opra sodisfacenti (**Vol. XLII P II p 1003**). Din ir-responsabilita` tikkolpixxi mhux biss xoghol hazin imma anke xoghol ezegwit b'materjal hazin. Tant dan hu hekk li dejjem skond gurisprudenza affermata l-appaltatur hu tenut jiggarantixxi l-bonta` tax-xoghol tieghu (**Vol. XXXV P III p 528**) kif ukoll il-bonta` tal-materjal adoperat (**Vol. XXX IX P I p 442**);"*

Dan ifisser illi ghalkemm jista' jkun il-kaz illi kienet is-socjeta` konvenuta li effettivament tat struzzjonijiet lill-attur biex jissupplixxi u jistalla *vinyl planks* u *decking* fil-postijiet indikati, l-istess attur kien **f'kull kaz** obbligat li jirrifjuta li jwettaq l-appalt kif inkarigat stante illi, bhala l-persuna tas-sengha, messu kien jaf illi l-uzu tal-materjal skont l-istruzzjonijiet moghtija, ma kienx ser jirrendi xoghol li huwa konformi mar-rekwiziti tal-arti u s-sengha.

In propositu tar-rimedji disponibbli lill-komittent f'materja ta' appalt, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza citata mill-atturi fl-ismijiet **Lawrence Formosa et vs Silvio Felice**, fissret kif il-Qrati ppronunzjaw ruhhom diversament dwar din il-materja u dan skont ic-cirkostanzi partikolari ta' kull kaz, u riteniet:-

*"Kif jidher mis-sentenzi fuq citati, il-Qorti taghna f'certi kazijiet ordnaw il-hlas ta' prezz tal-appalt stabbilit "a misura" meta kien hemm difett parzjali mhux sostanzjali fix-xoghol, izda awtorizzaw lill-komittent* ***jirritjeni parti mill-prezz sakemm l-appaltatur isewwi d-difetti****. F'kazijiet ohra, fejn ix-xoghol gie ezegwit in parti sewwa u in parti hazin,* ***giet negata lill-appaltatur kull parti mill-prezz fuq il-motiv li x-xoghol ma kienx sar skond ma titlob is-sengha****. F'kazijiet ohra, l-Qorti ordnat li* ***titnaqqas, mis-somma li tigi mhallsa, s-somma stmata mil-perit bhala kumpens ghad-difett fix-xoghol****."*[20]

Huwa ghalhekk stabbilit illi l-appaltatur li jwettaq xoghol difettuz jew mhux skont is-sengha u l-arti li ma jkollu ebda utilita` ghall-komittent, huwa wkoll responsabbli ghad-danni kollha li jigu minhabba dik l-ezekuzzjoni hazina tax-xoghol. Il-korollarju ta' dan huwa, necessarjament, illi l-appaltant huwa intitolat mhux biss li jnaqqas il-prezz tax-xoghol li ma kellu l-ebda utilita` ghalih ghaliex kien difettuz, izda wkoll li jirreklama in linea ta' danni, kumpens ghad-difetti riskontrati, liema kumpens jista'

[20] Cit. Nru. 1249/90, deciza 27 ta' Gunju 2002. Emfasi ta' din il-Qorti.

wkoll jikkonsisti, skont il-kaz, fl-ispejjez li kellhom jintefqu biex jigu msewwija d-difetti riskontrati jew biex dak ix-xoghol jerga' jsir utilment[21].

Ikkunsidrat;

Illi fil-kaz li ghandha quddiemha l-Qorti, jirrizulta li s-socjeta` konvenuta filwaqt li tirrifjuta l-hlas minhabba d-difetti u nuqqasijiet fl-ezekuzzjoni tal-appalt, fl-ewwel eccezzjoni taghha teccepixxi wkoll illi hi kellha thallas "*diversi spejjez sabiex tirrettifika n-nuqqasijiet tal-attur*". Imbaghad, fit-tielet eccezzjoni tikkontendi li "*detratti mill-ammont mitlub l-ispejjez imsemmija [inter alia] fl-ewwel eccezzjoni*" l-attur thallas a saldu fid-9 ta' Gunju 2017. **Minn dan il-Qorti fehmet illi s-socjeta` konvenuta qieghda tippretendi li mill-bilanc mitlub mil-attur, jitnaqqas il-valur tax-xoghol li sar hazin kif ukoll tippretendi l-hlas tad-danni li garrbet konsistenti fl-ispejjez li hallset lil terzi biex tirrimedja d-difetti fix-xoghol imwettaq mill-attur**.

Ghandu jigi osservat li s-socjeta` konvenuta ma ressqet l-ebda talba rikonvenzjonali ghall-hlas tad-danni li hija tikkontendi li ghandhom jitnaqqsu mill-ammonti pretiz mill-attur, izda fil-fehma tal-Qorti, anke fin-nuqqas ta' kontro-talba mill-komittent imharrek ghall-hlas tax-xoghol ezegwit fl-appalt, ghandu jittiehed in konsiderazzjoni - fil-komputazzjoni ta' dak li huwa dovut lill-attur - sija l-valur tax-xoghol imwettaq hazin u sija wkoll id-dannu li garrbet is-socjeta` konvenuta bhala rizultat tax-xoghol difettuz, **purche` izda dawn id-danni ma jeccedux il-valur komplessiv tal-partita tal-appalt li hija afflitta mid-difett riskontrat.**

Fi kliem iehor, fejn jirrizulta illi l-komittent igarrab danni li **jeccedu** l-valur tax-xoghol ezegwit mhux in konformita` mad-dettami tal-arti u s-sengha, dawn id-danni jehtiegu li jigu reklamati permezz ta' kontro-talba *ad hoc* u l-Qorti tkun prekluza illi

[21] Dan il-principju huwa wkoll rispekkjat fid-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 1640 tal-Kodici Civili, fejn jinsab stipolat illi meta l-appalt jigi terminat mill-komittent ghal ragunijiet validi, l-appaltatur ikollu dritt jircievi l-hlas biss ta' somma li ma tkunx iżjed mill-ispejjez tal-appaltatur u l-valur tax-xoghol, wara li jittiehed qies tal-utilita` lill-appaltant ta' dawk l-ispejjez u dak ix-xogħol, kif ukoll wara li jittiehed qies tad-danni li dan ikun sofra.

taggudika dwar il-pretensjoni ghall-hlas ta' dan id-dannu minghajr ma jkollha quddiemha kontro-talba ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni.

Illi fil-kaz odjern, mill-provi jirrizulta li x-xogholijiet li fi-fehma tal-Qorti gie ppruvat li ma gewx ezegwiti skont kif mitlub mis-sengha u l-arti jikkonsistu **fit-twahhil tal-*vinyl planking* fuq il-*gypsum boards* u nuqqas ta' *finishing* tat-truf tal-*cladding* ; *decking* tat-tarag; dizlivell bejn id-*decking* u l-*finished floor level* b'effett fuq l-istallazzjoni tal-bieb ta' barra ; nuqqasijiet fil-kamra tal-banju ; nuqqasijiet fix-xoghol ta' *silicato* fuq l-estern tal-hitan tat-tarag ; nuqqas ta' *sealing* idoneu fuq l-ucuh ta' dawn il-hitan u istallazzjoni hazina tad-dwal ta' barra**.

In linea mal-insenjament fuq ikkunsidrat, il-Qorti tqis illi **l-attur m'huwa dovut l-ebda hlas ghal dawn ix-xogholijiet difettuzi u huwa responsabbli wkoll sabiex jaghmel tajjeb ghad-danni kkagunati bhala rizultat tax-xoghol difettuz li huwa wettaq**, fosthom l-ispejjez li kienu ragjonevolment mehtiega sabiex tigi msewwija l-hsara u sabiex ix-xoghol jigi rez utili ghas-socjeta` konvenuta bhala l-appaltatur, basta d-danni ma jeccedux il-valur li qed jintalab mill-attur ghal dak ix-xoghol partikolari.

- **Tnaqqis tal-Valur tax-Xoghol Difettuz jew mhux Utli**

Minn ezami tal-fattura Dok. DB2, jirrizulta illi x-xogholijiet imwettqa mill-attur mhux skont is-sengha u l-arti u li ma kellhom l-ebda utilita` ghas-socjeta` konvenuta stante illi x-xoghol kellu jinqala' u jerga' jsir huma s-segwenti *items*, jew parti minn jew inkluzi fis-segwenti *ítems,* kif deskritti fl-imsemmija fattura:-

<u>Wall F</u>:

| | | |
|---|---|---|
| **-Covering of box in Vinyl planks as per sample** | (parti minn | €1,920) |
| **-Material for office structure** | | |
| **(Vinyl,** Gypsum, raised flooring, **paint**) | (parti minn | €4,760) |
| -Installation of flat gypsum ceiling **including painting** | (parti minn | €1,850 |
| -Material for flat gypsum ceiling and **paint** | (parti minn | €1,750 |
| **-Installation of new toilet** | | **€600** |

Extras:

**-Concrete steps including waterproof cement and membrane** (parti minn €550)

**-Supply of decking €800**

**-Installation of decking €400**

-Pats on side of entrance in Waterproof Gypsum,
**plastered and finished in silicato** €750.

Is-somma totali tal-*items* fuq elenkati hija ta' €13,380 eskluz VAT jew €15,788.40 inkluz VAT, izda kif rajna, kwantu ghal uhud mill-*items* fuq indikati, huma **biss partijiet mix-xoghol u l-materjal** li ma kienux utili ghas-socjeta` konvenuta jew li kienu hazin. Konsegwentement, hija **biss parti minn dan il-valur reklamat, li m'hijiex dovuta lill-attur**.

Il-fattura in kwistjoni (Dok. DB2) tindika kjarament il-prezz individwali tal-*items* deskritti bhala "*supply of decking*" (€800), "*installation of decking*" (€400) u "*installation of toilet*" (€600)[22] liema prezzijiet, b'total ta' **€2,124 inkluz VAT, ghandhom allura jigu ridotti mill-ammont reklamat mill-attur** stante illi evidentement dan ix-xoghol ma sarx jew jekk sar, sar hazin u ma pproduca l-ebda vantagg kwalsiasi lis-socjeta` konvenuta.[23]

Madanakollu, fl-assenza assoluta ta' xi prova teknika li tikkwantifika l-valur ta' dawk l-*items* partikolari ta' xoghol u materjal li kienu difettuzi u kellhom isiru mill-gdid **u ma jikkostitwixxux partita jew *item* shih**[24], il-Qorti ma hijiex f'pozizzjoni li tillikwida bi precizjoni dik il-parti mill-prezz globali fuq indikat li l-attur m'ghandux dritt jirreklama. Dan qed jinghad ukoll ghaliex mill-provi jirrizulta illi x-xoghol hazin ma kienx jirrapprezenta biss parti zghira jew negligibbli ta' dawn l-*items* indikati. Rinfaccjata b'dan in-nuqqas ta' prova li facilment setghet titressaq minn min mill-

[22] Ic-cifri li huma indikati b'font skur fir-riproduzzjoni tal-fattura iktar 'il fuq.

[23] Ghandu jinghad li xejn ma josta lill-Qorti tiddeciedi illi l-ebda prezz kwalsiasi minn dawk l-imsemmija partiti ta' xoghol u materjal m'huwa dovut lill-attur, u dan b'applikazzjoni tal-insenjament in materja li, kif rajna, tghallem li f'certi kazijiet gie deciz mill-qrati taghna illi *"fejn ix-xoghol gie ezegwit in parti sewwa u in parti hazin, giet negata lill-appaltatur kull parti mill-prezz fuq il-motiv li x-xoghol ma kienx sar skond ma titlob is-sengha."*- Cit. Nru. 1249/90, deciza 27 ta' Gunju 2002.

[24] Vinyl planks, paint, membrane concrete steps.

partijiet kellha l-interess li taghmel dan, tqis ukoll li lanqas m'huwa kompitu taghha li taghmel hija stess dan l-ezercizzju kwantitattiv. Dan ghaliex ma kien hemm l-ebda impediment jew diffikolta` li l-valur tax-xoghol hazin formanti parti mill-partiti relattivi, jigi stmat permezz ta' prova teknika *ex parte*.

- **Kumpens ghad-Danni Sofferti**

Kif rajna, il-Qorti f'certi kazijiet ordnat li titnaqqas ukoll mis-somma li tigi mhallsa, somma li tirrapprezenta kumpens ghad-difetti riskontrati fix-xoghol. Fil-kaz in dizamina, billi uhud mid-difetti kienu essenzjali u xi xogholijiet kellhom jinqalghu u jsiru mill-gdid a spejjez tas-socjeta` konvenuta, il-Qorti tqis li jkun ghaqli u gust illi kwantu ghal dawn ix-xogholijiet, jitnaqqas ulterjorment mill-bilanc mitlub mill-attur, **somma rapprezentanti kumpens dovut lis-socjeta` konvenuta ghall-ispejjez inkorsi ghat-tiswija ta' dan ix-xoghol li gie mwettaq hazin.** Bl-applikazzjoni tal-principji fuq enuncjati, **l-attur ghandu jbati din in-nefqa galadarba ntwera li din saret mehtiega bi htija tieghu stess meta x-xoghol ma ghamlux kif iridu l-arti u s-sengha u konsegwentement, huwa responsabbli ghad-danni rizultanti**.

Izda billi kif inghad, ma saret ebda talba rikonvenzjonali f'din il-kawza ghall-hlas tad-danni naxxenti mill-adempiment siewi tal-appalt, il-Qorti tqis illi dawn l-ispejjez ma jistghux jeccedu **l-valur globali tax-xogholijiet li saru hazin mill-attur.**

Il-Qorti hija tal-fehma illi f'dan il-kaz kienu biss uhud mid-difetti fix-xoghol ezegwit mill-attur, li kienu essenzjali ghaliex ma setghux jigu riparati minghajr ma jinqala' l-materjal istallat (per ezempju id-*decking* tat-tarag u l-*vinyl planks*) u ghalhekk hija l-fehma taghha li f'dan il-kaz ghandha tnaqqas mis-somma reklamata mill-attur, **sija l-prezz mitlub ghal dawk il-partiti ta' xoghol li effettivament ma kienu ta' ebda siwi kwalsiasi ghas-socjeta` konvenuta** kif diga` stabbilit[25], **u sija wkoll id-danni li soffriet is-socjeta` konvenuta, konsistenti fl-ispejjez li hija hallset biex tirrimedja d-difetti**.

---

[25] Supply of decking - €800; Installation of decking – €400; Installation of toilet – €600.

Il-Qorti rat il-fattura mahruga minn Easy Fix / Jamie Farrugia, il-kuntrattur imqabbad mis-socjeta` konvenuta biex jirrimedja x-xoghol difettuz u jezegwixxi dak ix-xoghol li tant kien radikalment hazin li kellu jinqala' u jsir mill-gdid, u rat illi s-somma totali mhallas mis-socjeta` konvenuta ghal dan ix-xoghol rimedjali hija ta' €6,046.50.

Kif gia` stabbilit, l-attur ma kkuntrastax effettivament ir-responsabbilita` tieghu ghad-difetti u nuqqasijiet fix-xoghol minnu ezegwit u l-Qorti tosserva wkoll illi lanaqas gie kontestat il-*quantum* tal-ispejjez li jirrizulta li ntefqu mis-socjeta` konvenuta[26] biex tirrettifika dawn id-difetti u biex ix-xoghol isir utilment u skont is-sengha u l-arti. F'kull kaz, jirrizulta mix-xhieda tal-Perit Simon Bonnici Mallia illi huwa jaf illi x-xogholijiet rimedjali li huwa kien irrakkomanda li jsiru, effettivament saru in segwitu ghall-ispezzjoni li huwa wettaq fil-fond tas-socjeta` konvenuta. Ghaldaqstant, il-Qorti ma ghandha l-ebda prova quddiemha li jikkonvinciha li l-ispejjez li hallset is-socjeta` konvenuta biex tirrimedja ghad-difetti riskonstrati fl-ezekuzzjoni tax-xoghol – skont kif jirrizulta mill-fattura Dok. CB5 - m'humiex ragjonevoli.

Kemm hu hekk, is-socjeta` konvenuta teccepixxi specifikatament fir-Risposta taghha li huwa l-attur innifsu li talab il-hlas ta' prezzijiet mhux ragjonevoli u ezorbitanti ghaliex jirrizulta mill-istimi ta' prezzijiet ta' materjali li hija kisbet in segwitu ghall-ezekuzzjoni tal-appalt, li whud mill-materjali uzati mill-attur fl-appalt kienu jiswew ferm inqas mill-prezzijiet indikati fil-fattura mahruga mill-attur (Dok. DB2).

Il-Qorti tqis illi l-*items* kollha li jinsabu elenkati f'din il-fattura Dok. CB5, jirrapprezentaw xoghol u materjal necessarju biex jirrimedjaw id-difetti fix-xoghol ezegwit mill-attur, kif fuq stabbilit, **hlief ghas-segwenti *items* li ma ngiebet l-ebda prova u mill-atti ma jirrizultax illi jirrapprezentaw xoghol li ma sarx jew li gie ezegwit hazin mill-attur**:-

[26] Ara xhieda ta' Clayton Borg, 9 ta' Mejju 2019 u Dok. CB5 fejn jirrizulta wkoll il-pagament li gie effettwat lil terzi ghax-xoghol rimedjali (fol. 121, 122).

2x2mtr Drain pipe for outside walls + cleaning (parti mill-prezz indikat ta' €1,850)
Installed AC Drains in Shaft (parti mill-prezz indikat ta' €950)

Billi, izda, huwa evidenti min-natura taghhom li dawn l-*items* ta' xoghol appena indikati jirrapprezentaw biss parti zghira hafna tal-valur totali indikat kwantu ghall-*item* relattiv ta' xoghol, il-Qorti tqis illi l-kumpens totali dovut lis-socjeta\` konvenuta rapprezentanti l-ispejjez li hallset ghat-tiswija tax-xoghol imwettaq hazin, jista' jigi likwidat *arbitrio boni viri* bl-uzu tas-setghat diskrezzjonali u ekwitattivi taghha, u dan fis-somma globali ta' hamest elef u tmien mitt Euro (€5,800) inkluz VAT.

Billi kif rajna, il-valur komplessiv ta' dawk l-*items* tax-xoghol u materjal li jirrizulta li huma b'xi mod affliti minn difetti, ma sarux jew ma kienux utili ghas-socjeta\` attrici, huwa ta' €15,788.40 u kwindi jeccedi l-kumpens li gie likwidat bhala dovut lis-socjeta\` konvenuta, dan il-kumpens jista' facilment jitnaqqas mill-ammont bilancjali pretiz mill-attur minkejja n-nuqqas tas-socjeta\` konvenuta li tressaq talba rikonvenzjonali ghall-hlas tad-danni li garrbet minhabba x-xoghol difettuz u nuqqasijiet fix-xoghol imwettaq mill-attur.

**Dan ifisser li l-ammont globali li ser jigi ridott mis-somma reklamata mill-attur, huwa ta' €5,800 pju\` €2,124, cioe\` €7,924.**

Ikkunsidrat;

Permezz tat-tieni u t-tielet eccezzjonijiet taghha, is-socjeta\` konvenuta tikkontendi illi ma huwa dovut l-ebda ammont bilancjali lill-attur wara li titnaqqas is-somma li ntefqet biex jigi msewwi x-xoghol difettuz, kif ukoll wara li titnaqqas id-differenza bejn il-prezz allegatament ezorbitanti li hija hallset lill-attur u l-istimi li ottjeniet sussegwentement kwantu ghall-istess materjal li xtara l-attur ghall-fini tal-ezekuzzjoni tal-appalt originali. Is-socjeta\` konvenuta tilmenta specifikatament bil-prezz tal-*parquet* li gie supplit mill-attur u bil-prezz tal-bieb ta' barra tal-aluminium. Issostni li dawn il-prezzijiet kienu ezorbitanti ghaliex kisbet, in segwitu ghall-ezekuzzjoni tal-

appalt, stimi ta' prezzijiet ferm iktar baxxi ghall-istess materjal supplit mill-attur. Tilmenta wkoll bil-prezz tal-materjal tad-*decking* li ntuza fit-tarag estern u li sussegwentement kellu jinqala'.

Kwantu ghad-*decking*, Ryan Borg xehed illi l-istima originali moghtija mill-attur kienet ghall-istallazzjoni u tqeghid ta' madum fit-tarag estern, izda waqt l-ezekuzzjoni tal-appalt gie miftiehem li jsir *decking* minflok madum.  Madanakollu baqa' ma ntalbitx stima ghall-istallazzjoni tal-materjal il-gdid.  F'kull kaz, il-Qorti tqis li ma ngabux provi sodisfacjenti biex jikkonvincuha li l-prezzijiet tal-attur ghall-fornitura tal-materjal tad-*decking* ma kienux gusti u ragjonevoli.  Il-fatt wahdu li supplier iehor issupplixxa materjal simili (ghax m'hemmx prova li l-materjal huwa tal-istess kwalita`) ma jfissirx illi l-prezz oghla mitlub minn supplier iehor, m'huwiex wiehed ragjonevoli.

Kwantu mbaghad ghall-istallazzjoni tal-*parquet*, is-socjeta` konvenuta tikkontendi li ghalkemm huwa minnu li l-attur kien tahom stima preventiva tal-prezz tal-*parquet*, il-materjal li gie effettivament istallat fl-stabbiliment kien ta' kwalita` differenti u inferjuri minn dak originarjament miftiehem[27].  Clayton Borg xehed[28] illi huwa kiseb stima minghand l-istess supplier li minghandu l-attur kien xtara l-*parquet* li gie istallat fil-fond, bi prezz ferm inqas minn dak li qed jitlob l-attur.

Madanakollu, il-Qorti tosserva li mhux talli ma ngiebet l-ebda prova kwalsiasi in sostenn tal-allegazzjoni li l-attur issupplixxa *parquet* ta' materjal differenti minn dak li gie effettivament miftiehem, talli s-socjeta` konvenuta nnifisha taqbel li hija kienet accettat l-istallazzjoni ta' *parquet* ta' kwalita` differenti minghajr ma talbet stima gdida.  Ma tressqet l-ebda prova li turi illi effettivament, il-*parquet* li gie istallat mill-attur kien ta' kwalita` differenti wisq inqas kwalita` inferjuri minn dik pattwita originarjament.

---

[27] Ara xhieda ta' Ryan Borg tat-30 ta' Jannar 2019.
[28] 9 ta' Mejju 2019.

Is-socjeta` konvenuta tallega wkoll li l-prezz tal-bieb ta' barra tal-aluminium, supplit mill-attur, huwa ezorbitanti ghaliex is-socjeta` konvenuta kisbet minghand l-istess manifatturier sussegwentement ghat-twettiq tal-appalt in kwistjoni, prezz ferm iktar baxx ghall-istess qisien ta' bieb fornut mill-attur. Mill-provi jirrizulta[29] illi s-socjeta` konvenuta naqset milli titlob u tikseb minghand l-attur stima preventiva gdida tal-prezz tal-istallazzjoni tal-bieb ta' barra, minkejja illi fil-kors tat-twettiq tal-appalt jirrizulta li gie miftiehem illi l-bieb ta' barra li kellu jigi istallat originarjament, jinbidel minn bieb tal-hgieg ghal bieb tal-aluminium li kellu jiswa ferm inqas.

Ghalkemm huwa indiskuss illi skont il-principji bazilari tal-ligi kontrattwali, il-hlas ghax-xoghol li jifforma l-oggett tal-appalt ghandu jkun kif kien miftiehem bejn il-partijiet fl-appalt innifsu, f'dan il-kaz la gie ppruvat li ntalbet jew inghatat stima preventiva tax-xogholijiet mitluba u eventwalment ezegwiti, u lanqas intwera li gew maqbula rati jew prezzijiet specifici li kellhom jigu applikati ghal dan l-appalt.

Il-Qorti hija tal-fehma li jekk jirrizulta, kif effettivament jirrizulta mill-istimi esebiti mis-socjeta` konvenuta, illi l-prezz applikat mill-attur fin-nuqqas ta' ftehim specifiku dwar il-prezz tal-bieb tal-aluminium, ma jirrispekkjax il-prezzijiet li ragjonevolment jithallsu fuq is-suq ghal dan l-oggett, ghandu jsir l-aggustament mehtieg sabiex dawn ikunu in linea mal-prezzijiet stabbiliti mis-suq u li johorgu l-kuntratturi normali.

Issa fil-kaz in dizamina, l-attur jaccetta illi l-bieb ta' barra tal-aluminium gie supplit mid-ditt Sun Aluminium. Is-socjeta` konvenuta esebiet stima ta' bieb tal-aluminium mahruga minn din l-istess ditta bl-istess deskrizzjoni ta' materjal u attrezzaturi (izda b'kulur differenti) kif ukoll zewg stimi ohra minghand suppliers differenti b'deskrizzjoni ta' bieb tal-aluminium bl-istess qisien u bl-istess attrezzaturi. Clayton Borg xehed illi l-istima originali moghtija mill-attur ghall-istallazzjoni ta' bieb tal-hgieg kien ta' €4,500, filwaqt illi jirrizulta li l-prezz tal-fornitura tal-bieb tal-aluminium li gie effettivament istallat u mitlub mill-attur, kien ta' €3,725 eskluz

[29] Xhieda ta' Clayton Borg, 31 ta' Ottubru 2018.

VAT[30], liema prezz jirrizulta li huwa cirka elfejn Euro (€2,000)[31] oghla mill-medja tal-istimi tal-prezz miksuba mis-socjeta` konvenuta.

Fl-istess waqt, ghandu jigi osservat li l-Qorti tistenna illi min irid jassigura li jinghata prezz vantaggjuz, jikseb stima mhux wahda izda stimi minghand suppliers jew appaltaturi differenti u dan naturalment b'mod preventiv u mhux wara li jigi konkluz il-ftehim tal-appalt.  Ghalkemm, evidentement, dan l-ezercizzju s-socjeta` konvenuta ma wettqitux, ma jirrizultax mill-provi illi kien hemm ftehim dwar il-prezz li kellu jigi applikat mill-attur ghall-fornitura tal-bieb tal-aluminium.  Huwa minnu li ma giex ippruvat u lanqas gie effettivament eccepit, illi l-attur qarraq bis-socjeta` konvenuta meta tahom il-prezzijiet tal-materjal li kellu jfornixxi bhala parti mill-appalt u l-Qorti lanqas ma rriskontrat xi prova illi s-socjeta` konvenuta giet indotta fi zball minhabba xi indikazzjoni zbaljata jew qarrieqa tal-prezzijiet tal-materjal da parti tal-attur.

Madanakollu, tqis illi s-socjeta` konvenuta ma tistax tkun obbligata li thallas prezzijiet li huma manifestament ferm oghla minn dawk li mill-provi jirrizulta li huma "*fair and reasonable*" u li jintalbu minghand suppliers ohrajn fis-suq.  Dan qed jinghad wara li l-Qorti hadet ukoll qies tal-fatt illi l-attur baqa' ma kkuntrastax ix-xhieda ta' Clayton Bartolo u l-korrettezza jew veracita` tal-istimi minnu esebiti, liema nuqqas il-Qorti tqisu bhala accettazzjoni mill-istess attur tal-verzjoni tas-socjeta` konvenuta illi dawk l-istimi essenzjalment jirriflettu prezzijiet ta' bieb tal-aluminium identiku (hlief fil-kulur) ghal dak istallat mill-attur.

Ghaldaqstant il-Qorti tqis illi l-prezz gust u ragjonevoli fuq is-suq ta' bieb tal-aluminium bhala dak istallat fl-istabbiliment tas-socjeta` konvenuta fuq is-suq huwa ta' elfejn Euro pju` VAT (cioe` €2,360) **inqas** mill-prezz mitlub mill-attur, liema ammont ukoll ghandu jigi ridott mill-prezz mitlub minnu fil-fattura Dok. DB2, b'zieda ma' dawk l-ammonti kif likwidati mill-Qorti rapprezentanti xoghol mhux imwettaq skont is-sengha u l-arti u xoghol li baqa' ma sarx.

---

[30] Ara fattura fol. 9.
[31] Eskluz VAT.

Dan ifisser li mill-prezz bilancjali mitlub mill-attur, mhuwiex dovut u ghandu jigi ridott l-ammont komplessiv ta' ghaxart elef mitejn u erbgha u tmenin Euro (€10,284)[32].

**Decide**

**Ghal dawn il-motivi, taqta' u tiddeciedi li filwaqt li tilqa' l-ewwel u t-tieni eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta biss safejn huma kompatibbli ma' dak hawn deciz u tichad l-eccezzjonijiet l-ohrajn taghha, qieghda tilqa' limitatament it-talba tal-attur u tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' erbat elef sitt mija u disgha u tletin Euro u zewg centezmi (€4,639.02) bl-imghax mid-data tal-prezentata tal-fattura Dok. DB2, cioe` 7 ta' Frar 2017, bl-ispejjez jithallsu kwantu ghal terz (1/3) mis-socjeta` konvenuta u zewg terzi (2/3) mill-attur.**

**(ft) DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAGISTRAT.**

---

[32] €2,360 + €5,800 + €2,124.